# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 28 ta' Gunju, 2002**

**Appell Nru 72/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Francis Bartolo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Francis Bartolo talli fid-29 ta' Jannar, 2000 ghall-habta tal-00.05 hrs. fi Triq il-Kullegg l-Antik, San Giljan ippermetta lil Colin Bartolo isuq il-vettura LAN-586 minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta` dwar ir-riskji tat-terzi persuni; l-ewwel qorti kienet mitluba sabiex tiskwalifika lill-imsemmi Francis Bartolo mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta' April, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Francis Bartolo hati u kkundannatu multa ta' mitejn u hamsin lira (Lm250), "liema multa bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiat ta' Malta ghandha tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa w ghoxrin lira maltin, b'dan li jekk ma jsirx hlas ta' xi wahda minn dawn ir-rati, l-ammont shih li jkun fadal dovut ghandu jithallas minnufih skond l-imsemmi Artikolu 14(2)";

Rat ir-rikors ta' appell ta' Francis Bartolo, minnu ppresentat fil-11 ta' April, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Il-fatti – li dwarhom tista' tghid hemm qbil bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza – huma brevement is-segwenti: fid-29 ta' Jannar tas-sena 2000 iben l-appellant, Colin Bartolo, kien involut f'incident awtomoblistiku waqt li kien qed isuq il-vettura ta' missieru LAN-586. Dana Colin Bartolo kien ghadu ma ghalaqx il-hamsa w ghoxrin sena, u skond il-polza ta' assigurazzjoni li kien hemm fuq il-vettura fil-gurnata ta' l-incident, huwa ma kienx kopert bhala "authorised driver". Huwa kien qed isuq il-vettura – u kien ilu effettivement hekk isuqha – bil-permess ta' massieru, l-appellant.

L-appellant ghandu zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu, bazikament, fis-sens li hu kien minghalih li l-polza ta' assigurazzjoni kienet tkopri lil ibnu, u dan peress li meta huwa mar jirrinnova l-assigurazzjoni huwa kien talab lill-persuna addetta sabiex l-assigurazzjoni tkun tkopri "lil kulhadd li ghandu 'l fuq minn tmintax-il sena" (ara d-deposizzjoni tal-appellant tal-10 ta' Gunju, 2002). L-appellant, pero`, ammetta li hu ma qarax il-kopja tal-polza li kien irceva u anqas ghamel xi verifiki ohra biex jassigura ruhhu li dak li kien qal lill-persuna addetta mir-*renewals* ghar-rigward tak-kopertura fil-fatt kien sar. L-appellant jikkontendi li hawn si tratta ta' "a mistake of fact", u li ghalhekk huwa ma jistax jigi ritenut responsabbli skond is-subartikolu (1) tal-Artikolu 3 tal-Kap. 104.

Din il-Qorti ma taqbilx. Apparti li zball ta' fatt, biex jinnewtralizza r-responsabbilta` penali, irid ikun zball "essenzjali" (jigifieri zball dwar xi wiehed mill-elementi mehtiega ghall-ezistenza tar-reat – f'dan il-kaz ma hemmx kontestazzjoni dwar l-essenzjalita` ta' l-izball), fil-kaz tar-reat kontemplat fl-Artikolu 3(1) in dizamina irid ikun ukoll zball "inevitabbli", cioe` li ma setax jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni normali. Kif gie ritenut diversi drabi mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali, l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 jimponi obligu fuq kull minn juza vettura, jew igieghel jew jippermetti lil haddiehor li juza vettura, li <u>qabel xejn jivverifika biex jara li dik il-vettura, jew dik il-persuna li tkun ser issuq, tkun koperta bid-debita assigurazzjoni</u> (ara, fost ohrajn, ***Il-Pulizija v. Roderick Gerada*** App. Krim. 14/2/2001, li ghaliha hemm referenza anke fis-sentenza appellata). Id-debita kopertura tal-assigurazzjoni hija intiza ghall-protezzjoni tal-pubbliku, u wiehed ma jistax jezimi ruhhu mir-responsabbilta` penali taht l-imsemmi Artikolu 3(1) jekk ma jkunx ghamel il-verifiki kif suppost. L-aktar haga elementari li wiehed hu mistenni li jaghmel hi li jaqbad il-polza ta' assigurazzjoni u jaqraha jew, jekk ma jafx jaqra, almenu jaghtiha lil xi hadd li jista` jaqrahielu, proprju biex jara min hu kopert u min ma hux. L-appellant *ex admissis* dan ma ghamlux. Ghalhekk l-ewwel aggravju tieghu ser jigi respint.

It-tieni aggravju hu dwar il-piena. Din il-Qorti tosserva li l-ewwel qorti applikat piena fil-minimu taghha u, inoltre, ikkoncediet il-fakolta` tal-hlas rateali. Ghalhekk l-appellant certament ma jistax jilmenta dwar il-piena.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Deputat Registratur